

Brussell, 18 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14372/23

JAI 1332	COPEN 363
COSI 179	FREMP 292
ENFOPOL 431	JAIEX 66
ENFOCUSTOM 110	CFSP/PESC 1410
IXIM 194	COPS 489
CT 155	HYBRID 73
CRIMORG 137	DISINFO 85
FRONT 327	TELECOM 306
ASIM 92	DIGIT 223
VISA 208	COMPET 1008
CYBER 247	RECH 456
DATAPROTECT 278	CULT 122
CATS 58	COTER 185
DROIPEN 151	CORDROGUE 94

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion:	COM(2023) 665 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar is-sitt Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 665 final.

Mehmuż: COM(2023) 665 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.10.2023
COM(2023) 665 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

**dwar is-sitt Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-
Unjoni tas-Sigurtà**

I. Introduzzjoni

Tliet snin ilu, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025¹ li tiddefinixxi l-prijoritajiet ewlenin għall-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà. Minn dak iż-żmien, għamilna progress kbir fl-erba' pilastru kollha tal-Istrateġija – it-twettiq ta' leġislazzjoni importanti f'kolli mill-protezzjoni tal-entitajiet kritiċi sat-tisħiħ tar-reżiljenza ċibernetika. Madankollu, sadanittant, ix-xenarju tat-theddida għas-sigurtà fl-Ewropa u fil-viċinat tagħna għadu qed ikompli jevolvi. L-attakki terroristiċi f'waħda mill-iskejjel tagħna fi Franza u fit-toroq ta' Brussell fil-jiem reċenti huma tfakkira b'saħħitha tal-urġenza li nkomplu nadattaw u nsaħħu l-arkitettura tas-sigurtà tagħna. Il-periklu li jirriżulta mill-attakki ċibernetiċi jkompli jikber, xprunat ukoll hekk kif atturi malizzjużi jieħdu pożizzjoni fil-kunflitti li għaddejjin. It-theddid ibridu, inkluża d-diżinformazzjoni, ikompli jimmultiplika. Il-Europol identifikat il-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna bħala l-kawża ta' żieda sinifikanti fl-attakki ċibernetiċi kontra l-miri tal-UE, b'attakki kbar b'motiv politiku u kkoordinati minn gruppi ta' hackers favur ir-Russja². Dan inħass fl-imblukkar tal-aċċess għall-internet u fl-interruzzjoni għal servizzi ewlenin bħan-networks tal-enerġija³.

L-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tfasslet biex tgħammar lill-UE ħalli tkun tista' tiffaħ aħjar għal xenarju ta' theddid li qiegħed jevolvi. Hekk kif ħabbatna wiċċna mal-kriżijiet li rriżultaw mill-pandemija u mill-gwerra, l-avvenimenti wrew l-importanza tal-approċċ meħud fl-Istrateġija – id-determinazzjoni tagħna li nistabbilixxu rabtiet fl-ekosistema tas-sigurtà tal-UE, u biex jtkissru s-silos bejn id-dimensjonijiet ċibernetiċi u fiżiċi tas-sigurtà, inkluż l-indirizzar tal-kriminalità organizzata u tat-terroriżmu kif ukoll il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni.

Madankollu, il-viġilanza titlob li għandna ninvestigaw fuq bażi kontinwa x'hemm nieqes fl-isforzi tagħna biex inżommu liċ-ċittadini tagħna sikuri. L-Istrateġija stabbiliet oqsma ta' prijorità fejn l-Unjoni tista' tintroduċi valur miżjud biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-trawwim tas-sigurtà għan-nies kollha li jgħixu fl-Ewropa. Mill-adozzjoni tagħha, l-azzjonijiet kollha stabbiliti ġew indirizzati u ġew inkorporati oħrajn ġodda biex iwieġbu għall-isfidi tas-sigurtà li għaddejjin.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni ppreżentat 36 inizjattiva leġislattiva fl-ambitu tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà. Għal aktar minn nofs dawn il-proposti, in-negozjati interistituzzjonali diġà kkonkludew b'leġislazzjoni ġdida robusta, kif deskritt fit-tabella fl-Anness. Madankollu, diversi inizjattivi ewlenin proposti mill-Kummissjoni għadhom qegħdin jiġu nnegozjati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Bit-terminu parlamentari kurrenti li se jintemm bl-elezzjonijiet Ewropej f'Ġunju 2024, hija meħtieġa ħidma b'ħeffa biex jitlestew dawn il-fajls pendenti, sabiex iċ-ċittadini jkun jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-Unjoni tas-Sigurtà. Għalhekk, dan is-sitt Rapport ta' Progress tal-Unjoni tas-Sigurtà jiffoka fuq id-deskrizzjoni ta' dawk il-fajls leġislattivi u mhux leġislattivi kruċjali tal-Unjoni tas-Sigurtà adottati mill-Kummissjoni, li għalihom jeħtieġ li jsir aktar biex jiġu ffinalizzati u implimentati b'mod effettiv.

¹ COM(2020) 605.

² Attakki Distribwiti li Jwaqqfu s-Servizz (DDoS): ara r-Rapport ta' Fokus tal-Europol "Cyber-attacks: the apex of crime-as-a-service", 13 ta' Settembru 2023.

³ Il-malware wipers intużaw ħafna matul il-kunflitt fl-Ukrajna biex jeqirdu d-*data* kif ukoll sistemi li pereżempju jaffettwaw l-aċċess għall-internet minn eluf ta' abbonati fl-UE kif ukoll kumpanija tal-enerġija Ġermaniża ewlenija li tilfet l-aċċess għall-monitoraġġ mill-bogħod għal aktar minn 5 800 turbina eolika. The role of cyber in the Russian war against Ukraine: Its impact and the consequences for the future of armed conflict, Studju tal-Parlament Ewropew, Settembru 2023 - PE 702.594.

Għal-liġijiet tal-UE diġà miftiehma, il-benefiċċji tagħhom jinħassu biss meta jiġu applikati fil-prattika. Jeħtieġ li l-ħidma tiffoka fuq it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretta u sħiħa tagħhom mill-Istati Membri. Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet tiżgura li l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tagħti r-riżultati billi tuża s-setgħat istituzzjonali tagħha biex tnedi proċeduri ta' ksur kull meta l-Istati Membri jkunu naqsu milli jittrasponu jew kienu ttrasponew il-leġislazzjoni tal-UE b'mod żbaljat.

Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor ukoll fejn l-azzjoni tal-Istati Membri u/jew tal-aġenziji tal-UE hija ċentrali biex tagħti r-riżultati. L-aġenziji tal-UE għandhom rwol kruċjali fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-Unjoni tas-Sigurtà, u r-responsabbiltajiet tagħhom żviluppaw matul dawn l-aħħar snin. Ir-rapport jiddeskrivi xi wħud mill-kompiti l-ġodda ewlenin li ġew allokati biex jipprovdu appoġġ imsaħħaħ għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi ewlenin fl-ambitu tal-Unjoni tas-Sigurtà.

Barra minn hekk, is-sitwazzjoni ġeopolitika ssottolinjat is-sinifikat tas-sigurtà esterna għas-sigurtà interna tagħna. Qafas intern tal-UE aktar b'saħħtu fil-qasam tas-sigurtà huwa intrinsikament marbut ma' sħubijiet u kooperazzjoni aktar b'saħħithom ma' pajjiżi terzi. L-UE jeħtiġilha tkompli ssegwi b'mod attiv kif l-involvement madwar id-dinja jista' jgħin biex tiġi żgurata s-sikurezza taċ-ċittadini f'pajjiżhom.

II. Ambjent ta' sigurtà li jibqa' validu fil-futur

Ċibersigurtà u Reżiljenza tal-infrastruttura kritika

Skont l-Unjoni tas-Sigurtà, l-Unjoni hija impenjata biex tiżgura li ċ-ċittadini u n-negozji Ewropej kollha jitħarsu tajjeb, kemm online kif ukoll offline, u biex tippromwovi ċyberspazju miftuħ, sigur u stabbli. Id-daqs, il-frekwenza u l-impatt dejjem akbar tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà jirrappreżentaw theddida kbira għall-funzjonament tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni u għas-Suq Intern. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kompliet taggrava din it-theddida, u t-tensjonijiet ġeopolitiċi kurrenti huma aggravati b'interventi minn għadd kbir ta' atturi allinjati mal-istat, kriminali u hacktivists. Is-sabotaġġ tal-ħarifa li għaddiet tal-pipelines tan-Nord Stream ssottolinja kif setturi essenzjali bħall-enerġija, l-infrastruttura diġitali, it-trasport u l-ispazju jiddependu minn infrastruttura kritika reżiljenti. L-inċident reċenti li jinvolvi pipeline tal-gass taħt il-baħar u kejbil tad-*data* fl-Estonja u fil-Finlandja juri l-ħtieġa ta' livell għoli ta' tħejjija biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet bħal dawn. Filwaqt li l-kawża tal-ħsara għadha ma hijiex ċara u l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin, il-kondivizzjoni ta' informazzjoni f'livelli differenti fost l-Istati Membri u l-Kummissjoni kienet inkoraġġanti. It-tfixkil ma kellu l-ebda effett immedjat f'termini ta' konnettività tal-internet u lanqas għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-livell Ewropew jew lokali. Dan huwa sinjal tal-progress li sar u tal-isforzi msaħħa ta' tħejjija ta' dawn l-aħħar xhur.

Għalhekk, qafas ġuridiku ċar u robust huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-protezzjoni u r-reżiljenza ta' dawn l-infrastrutturi kritiċi. F'dan il-kuntest, inkiseb progress kruċjali bl-adozzjoni parallela tad-Direttiva riveduta dwar miżuri għal livell komuni għoli ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (NIS2)⁴, u d-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (CER)⁵, li t-tnejn

⁴ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, u d-Direttiva (UE) 2018/1972 (id-Direttiva NIS 2).

⁵ Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE.

li huma daħlu fis-seħħ fis-16 ta' Jannar 2023. Issa l-Istati Membri huma mħeġġa jittrasponu dawn il-biċċiet fundamentali ta' leġiżlazzjoni malajr u bis-sħiħ, sa mhux aktar tard mis-17 ta' Ottubru 2024, biex jistabbilixxu qafas robust tal-Unjoni ħalli titħares l-infrastruttura kritika tal-Unjoni kontra theddid fiżiku u ċibernetiku.

F'Lulju 2023, il-Kummissjoni stabbiliet f'Regolament Delegat tal-Kummissjoni servizzi essenzjali fil-11-il settur koperti mid-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi⁶. Il-pass li jmiss huwa li l-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju fuq dawn is-servizzi. Wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill⁷ tat-8 ta' Diċembru 2022, il-ħidma intensifikat fuq it-testijiet tal-istress fuq l-infrastruttura kritika, bis-settur tal-enerġija bħala bidu, u fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni man-NATO u mal-pajjiżi sħab ewlenin. Din il-ħidma wasslet għal rapport mit-Task Force UE-NATO dwar ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika f'Ġunju 2023, li jidentifika l-isfidi kurrenti tas-sigurtà għall-infrastruttura kritika f'erba' setturi ewlenin (l-enerġija, it-trasport, l-infrastruttura diġitali u l-ispazju) u jagħmel rakkomandazzjonijiet biex tissaħħaħ ir-reżiljenza. Ir-rakkomandazzjonijiet, inkluż dwar żieda fil-koordinazzjoni, kondivizzjoni ta' informazzjoni u eżerċizzji, qegħdin jiġu implimentati mill-persunal tal-UE u tan-NATO fil-kuntest tad-Djalogu Strutturat dwar ir-Reżiljenza.

B'mod parallel, fis-6 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni adottat proposta⁸ għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE bi tweġiba għal tentattivi ta' tfixkil fl-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti. Fl-4 ta' Ottubru 2023 ġie organizzat eżerċizzju fil-forma ta' diskussjoni bbażata fuq ix-xenarji dwar il-Pjan ta' Azzjoni, biex jiġi ttestjat kif dan ikun japplika fil-prattika u biex jiġu infurmati n-negozjati kurrenti dwar il-proposta fil-Kunsill.

Wara sejħiet mill-Kunsill⁹, mill-Kummissjoni, mir-Rappreżentant Għoli u mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, saru evalwazzjonijiet tar-riskju u qegħdin jinbnew xenarji ta' riskju minn perspettiva ta-ċibersigurtà. Din il-ħidma għandha enfasi inizjali fuq is-setturi tat-telekomunikazzjoni u tal-elettriku. L-involviment tal-aġenziji u tan-networks rilevanti kollha, ċivili u militari, joħloq għall-ewwel darba valutazzjoni komprensiva u inklużiva madwar l-Unjoni. Dan se jkompli jikkomplementa l-valutazzjonijiet tar-riskju tas-sigurtà koordinati tal-ktajjen tal-provvista kritiċi li jseħħu fl-ambitu tal-NIS2, u l-valutazzjonijiet tar-riskju u t-testijiet tal-istress tal-infrastruttura kritika fis-setturi tal-enerġija, tal-komunikazzjoni tal-infrastruttura diġitali, tat-trasport u tal-ispazju. Fl-interess tal-koordinazzjoni u tal-koerenza, dawn l-attivitajiet għandhom jibnu fuq xulxin biex jgħinu fl-istabbiliment ta' approċċ standard, u għandhom jiggwidaw l-iżvilupp ta' eżerċizzji futuri. Is-suċċess ta' dawn l-azzjonijiet issa se jiddependi mill-involviment attiv tal-Istati Membri.

Il-funzjonament tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet qiegħed jiddependi dejjem aktar minn servizzi u *data* relatati mal-ispazju, speċjalment fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża. L-ispazju qiegħed jiġi kkontestat dejjem aktar fid-dominju strateġiku u l-importanza tiegħu għas-sigurtà kibret speċjalment wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna. L-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża ġiet adottata f'Marzu 2023 biex issaħħaħ il-qagħda strateġika tagħna u l-awtonomija fl-ispazju. Bħala azzjoni ewlenija li tirriżulta minn din l-Istrateġija, fl-2024 il-Kummissjoni

⁶ C(2023) 4878.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika.

⁸ COM(2023) 526.

⁹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2022 dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea u s-Sejħa ta' Nevers tad-9 ta' Marzu 2022 biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' ċibersigurtà tal-UE.

Ewropea se tipproponi Liġi Spazjali tal-UE li tirregola s-sikurezza, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza/is-sigurtà tal-attivitajiet spazjali fl-UE.

Meta wieħed iħares lejn id-dimensjoni esterna, l-infrastruttura sigura tinfed ir-reżiljenza tal-ekonomija globali u tal-ktajjen tal-provvista¹⁰, u minħabba din ir-raġuni l-Global Gateway tal-UE tinkorpora dimensjoni ta' sigurtà b'saħħha. Bl-istess mod, minħabba l-interkonnessjonijiet bejn l-infrastruttura tal-UE u tal-pajjiżi oħra, kooperazzjoni internazzjonali akbar hija essenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika globali, u biex jiġi appoġġat ċiberspazju ħieles, miftuħ, sikur u sigur.

Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika

L-iżgurar li l-konsumaturi u n-negozji jkunu jistgħu jibbażaw fuq prodotti diġitali siguri huwa ta' importanza ewlenija għaċ-ċibersigurtà Ewropea. Il-Kummissjoni fittxet li tindirizza din il-ħtieġa fil-proposta tagħha għal Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika¹¹, adottat fil-15 ta' Settembru 2022. Dan jintroduċi rekwiżiti orizzontali obbligatorji taċ-ċibersigurtà għal prodotti b'elementi diġitali għal ħames snin jew iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom (skont liema jkun iqsar). Dan johlq il-kundizzjonijiet għad-disinn u għall-iżvilupp ta' prodotti siguri b'elementi diġitali, billi jiżgura li l-prodotti tal-hardware u tas-software jitqiegħdu fis-suq bl-inqas vulnerabbiltajiet possibbli. Dan ikun pass importanti ewlieni fit-titjib tal-istandards taċ-ċibersigurtà tal-Ewropa fl-oqsma kollha u x'aktarx li jsir punt ta' referenza internazzjonali, li jipprovdi vantaġġi ċari għall-industrija taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni fis-swieq globali. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom f'Lulju 2023 u n-negozjati għandhom jagħmlu progress malajr.

Iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għandha wkoll rwol kruċjali fiż-żieda tal-fiduċja fil-prodotti u fis-servizzi tal-ICT, li tippermetti lill-konsumaturi, lin-negozji u lill-awtoritajiet jagħmlu għażliet infurmati b'livell xieraq ta' ċibersigurtà. Il-ħidma qiegħda tagħmel progress fejn tidħol iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bl-iskema ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bbażata fuq il-Kriterji Komuni tal-UE tiġi vvalutata fil-Komitoloġija. L-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tas-Sigurtà tal-Cloud tal-UE (EUCCS) kandidata bħalissa qiegħda titħejja mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u qiegħda tiġi diskussa fil-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà. Il-ħidma intensa ma' esperti minn firxa ta' setturi, konsumaturi u fornituri għandha twassal għal approċċ legali u tekniku sod li jipprovdi l-garanziji ta' sigurtà meħtieġa konsistenti mad-dritt tal-Unjoni, mal-impenji internazzjonali u mal-obbligi tad-WTO. Barra minn hekk, l-ENISA qiegħda tħejji l-iskema kandidata tal-EU5G u l-Portafoll tal-Identità Diġitali tal-UE (EUIDW). L-isforzi miftiehma mill-Istati Membri kollha huma essenzjali biex tittejjeb is-sigurtà ġenerali tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT u tal-proċessi tal-ICT.

Regolamenti dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u dwar iċ-ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-UE (EUIBAs)

Proposti flimkien f'Marzu 2022, ir-Regolamenti proposti biex jirregolaw iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni għall-istituzzjonijiet proprji tal-Unjoni mxew b'rati differenti. F'Ġunju li għadda ntlaħaq ftehim politiku dwar ir-Regolament dwar iċ-ċibersigurtà, li jippermetti tisħiħ tal-pożizzjoni taċ-ċibersigurtà tal-l-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi kollha tal-UE, u li jirrifletti l-importanza li l-UE tagħti lill-implimentazzjoni b'ħeffa ta' din il-proposta. F'din is-sitwazzjoni, huwa ta' tħassib partikolari li l-proposta parallela dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, essenzjali biex jitlesta qafas leġiżlattiv robust għall-EUIBAs, għamlet progress bil-mod li ma kienx mistenni. Iż-żewġ proposti għandhom jiġu adottati qabel l-

¹⁰ JOIN(2021) 30.

¹¹ COM(2022) 454.

elezzjonijiet parlamentari Ewropej sabiex l-amministrazzjoni Ewropea ssir kredibbli u reżiljenti fil-kuntest ġeopolitiku kurrenti. Sett minimu ta' regoli u standards tas-sigurtà tal-informazzjoni għall-EUIBAs kollha jgħodq ċertezza għall-partijiet kollha involuti u jiżgura protezzjoni konsistenti mit-theddid li qiegħed jevolvi għall-informazzjoni tagħhom, kemm ikklassifikata mill-UE kif ukoll mhux ikklassifikata. Meta jitqiesu flimkien, dawn ir-regoli l-ġodda jipprovdu bażi stabbli għal skambju sigur ta' informazzjoni fl-EUIBAs kollha u mal-Istati Membri, bi Prattiki u miżuri standardizzati għall-protezzjoni tal-flussi tal-informazzjoni. Bħala tali huma jwieġbu għal sejħiet multipli mill-Kunsill biex itejbu r-reżiljenza tal-EUIBAs u biex jipproteġu aħjar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni minn interferenza malizzjuża.

Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà

Filwaqt li jibni fuq il-qafas ta' politika u leġiżlattiv b'saħħtu u strateġiku li diġà hemm stabbilit, l-Att propost dwar iċ-Ċibersolidarjetà¹² adottat fit-18 ta' April 2023 mill-Kummissjoni, itejjeb aktar id-detezzjoni ta' theddid ċibernetiku, ir-reżiljenza u t-tħejjija fil-livelli kollha tal-ekosistema taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni. Dawn l-oġettivi jiġu implimentati permezz ta' tliet azzjonijiet ewlenin:

- (1) il-varar ta' ***Tarka Ċibernetika Ewropea*** biex jibnew u jissaħħu l-kapaċitajiet komuni ta' detezzjoni u ta' għarfien tas-sitwazzjoni. Din tikkonsisti minn Ċentri Nazzjonali tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà ("SOCs nazzjonali") u minn Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà Transfruntieri ("SOCs transfruntieri").
- (2) Il-ħolqien ta' ***Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika*** li jappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija u fir-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira u fl-irkupru immedjat minnhom. L-appoġġ għar-rispons għall-inċidenti jinkludi r-riżerva taċ-ċibersigurtà tal-UE, li tkun disponibbli wkoll għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi (EUIBAs), u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Ewropa Diġitali sakemm il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tagħhom għall-Programm Ewropa Diġitali jipprevedi dan.
- (3) L-istabbiliment ta' ***Mekkaniżmu Ewropew ta' Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà*** li jirrieżamina u jivvaluta inċidenti speċifiċi sinifikanti jew fuq skala kbira. Ir-rapport ta' rieżami ta' wara l-inċident ikun ikkoordinat u ppreparat mill-ENISA.

Bdew diskussjonijiet fil-Kunsill u fil-Parlament Ewropew. Il-konklużjoni tan-negozjati qabel it-tmiem tal-mandat kurrenti tal-Parlament Ewropew tagħti spinta kbira lill-isforzi biex jiġu protetti ċ-ċittadini u n-negozji madwar l-Unjoni kollha.

Akkademja għall-Ħiliet Ċibernetiċi

Filwaqt li t-theddid ċibernetiku qiegħed jiżdied, l-UE teħtieġ b'mod urġenti professjonisti bil-ħiliet u l-kompetenzi biex jipprevjenu, jidentifikaw, jiskoraġġixxu u jiddefendu l-UE kontra l-attakki ċibernetiċi. Il-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol taċ-ċibersigurtà tagħha bħalissa huma stmati għal 883 000 professjonist, filwaqt li l-postijiet tax-xogħol vakanti varjaw bejn 260 000 u 500 000 fl-2022. It-taqsimiet kollha tas-soċjetà għandhom jitħeġġu jgħinu biex timtela din il-lakuna, iżda b'mod partikolari fl-2022, in-nisa rrappreżentaw biss 20 % tal-gradwati fiċ-ċibersigurtà u 19 % tal-ispeċjalisti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Bħala parti mis-Sena Ewropea tal-Ħiliet tal-2023, fit-18 ta' April 2023¹³, il-Kummissjoni adottat inizzjattiva li ntlagħhet mill-Istati Membri¹⁴ biex tiġi stabbilita Akkademja għall-Ħiliet Ċibernetiċi biex jitnaqqas id-distakk fit-talent taċ-ċibersigurtà. L-Akkademja għall-Ħiliet Ċibernetiċi tiġbor

¹² COM(2023) 209.

¹³ COM(2023) 207.

¹⁴ Council Conclusions of 22 May 2023 on the EU Policy on Cyber Defence

flimkien l-inizjattivi eżistenti dwar il-ħiliet ċibernetiċi u ttejjeb il-koordinazzjoni. Il-Kummissjoni tteġġeg lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll lill-entitajiet pubbliċi Ewropej, biex jadottaw strateġiji jew inizjattivi dedikati dwar il-ħiliet ċibernetiċi, jew biex jintegraw il-ħiliet ċibernetiċi fi strateġiji jew inizjattivi rilevanti b'ambitu usa' (eż. iċ-ċibersigurtà, il-ħiliet diġitali, l-impjiegi, eċċ.). L-involvement tal-partijiet ikkonċernati privati se jkun essenzjali wkoll biex titnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet ċibernetiċi u n-nuqqas ta' ħaddiema assoċjat fl-Ewropa.

Droni

Theddida oħra li qiegħda tiżdied għall-ispazji pubbliċi u għall-infrastrutturi kritiċi hija l-użu malizzjuż tad-droni. L-inċidenti li jinvolvu d-droni saru aktar frekwenti ġewwa u barra l-Unjoni, u s-soluzzjonijiet kontra d-droni huma għodda ewlenija għall-infurzar tal-liġi u awtoritajiet pubbliċi oħrajn fl-Unjoni, kif ukoll għall-operaturi privati ta' infrastruttura kritika. Fl-istess ħin, l-użu leġittimu tad-droni qiegħed jagħti kontribut importanti għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali¹⁵. Kif imħabbar fl-Istrateġija dwar id-Droni 2.0 adottata f'Novembru 2022, il-Kummissjoni llum qiegħda tadotta Komunikazzjoni dwar kif għandu jiġi miġġieled it-theddid potenzjali ppreżentat mid-droni, appoġġata minn żewġ manwali bi gwida Prattika dwar aspetti tekniċi ewlenin¹⁶. L-inizjattiva tfittex li toffri qafas ta' politika komprensiv u armonizzat, b'fehim komuni tar-regoli stabbiliti għall-ġlieda kontra t-theddid possibbli mid-droni u li tadatta kif meħtieġ għall-iżviluppi b'pass mgħaġġel fit-teknoloġija. L-Istati Membri u l-operaturi privati rilevanti huma mistiedna jaħdmu flimkien mill-qrib mal-Kummissjoni biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tagħha.

Sigurtà marittima u tal-avjazzjoni

L-attivitajiet illeċiti, bħall-piraterija, is-serq armat fuq il-baħar, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, armi u narkotiċi, kif ukoll it-terroriżmu, jibqgħu sfidi għas-sigurtà marittima, u huma aggravati minn theddid li qiegħed jevolvi inklużi attacki ibridi u ċibernetiċi. Fl-10 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli adottaw Komunikazzjoni Konġunta, li taġġorna l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà Marittima¹⁷ li issa għandha tiġi implimentata f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni aġġornat.

Fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni, fit-2 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni adottat Dokument ta' Ħidma tal-Persunal "Working towards an enhanced and more resilient aviation security policy"¹⁸, li fih programm ambizzjuż għal (1) l-immodernizzar tal-arkitettura regolatorja għas-sigurtà tal-avjazzjoni (2) it-trawwim tal-iżvilupp u l-użu ta' soluzzjonijiet aktar innovattivi; u (3) l-aġġornament tal-linja bażi tas-sigurtà tal-avjazzjoni sabiex l-ajruporti tal-Unjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minn teknoloġiji ġodda u avvanzati biex jindirizzaw l-oġhla theddid ta' prijorità. Jeħtieġ li jiġu implimentati erbatax-il azzjoni ewlenija fi żmien sentejn.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiffinalizzaw in-negozjati b'urġenza, fi kwalunkwe każ qabel it-tmiem tal-mandat tal-Parlament Ewropew kurrenti, dwar il-fajls li ġejjin:

- Il-proposta għal Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika;
- Il-proposta għal Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà;

¹⁵ COM(2022) 652.

¹⁶ COM (2023) 659.

¹⁷ JOIN(2023) 8.

¹⁸ SWD(2023) 37.

- Ir-Regolament propost dwar is-sigurtà tal-informazzjoni għall-EUIBAs.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex:

- ifittxu t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi bħala prijorità, kif ukoll l-ittestjar tal-istress tal-infrastruttura kritika fis-settur tal-enerġija;
- jadottaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-koordinazzjoni tar-rispons għal tfixkil fl-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti;
- jittrasponu d-Direttiva NIS2 bis-sħiħ u b'mod urġenti biex tingħata spinta liċ-ċibersigurtà ta' entitajiet essenzjali u importanti;
- jinvolvu ruħhom b'mod attiv fit-tweqqif ta' valutazzjonijiet tar-riskju taċ-ċibersigurtà u fil-bini ta' xenarji tar-riskju ta' infrastruttura kritika u ktajjen tal-provvista;
- jagħtu segwitu għall-Akkademja għall-Ħiliet Ċibernetiċi b'involviment qawwi fil-livell Ewropew u strateġiji jew inizzjattivi nazzjonali dedikati dwar il-ħiliet ċibernetiċi, li jintroduċu partijiet ikkonċernati ewlenin li jinkludu awtoritajiet reġjonali u lokali;
- jaħdmu mal-operaturi privati rilevanti u mal-Kummissjoni biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha elenkati fil-Komunikazzjoni dwar il-ġlieda kontra t-theddid potenzjali kkawżat mid-droni;
- jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u jirrapportaw regolarment dwar il-kisbiet;
- jimplimentaw l-14-il azzjoni ewlenin identifikati biex tittejjeb is-sigurtà tal-avjazzjoni.

III. Indirizzar tat-theddid li qiegħed jevolvi

Tensjonijiet ġeopolitiċi ġodda offrew evidenza ċara ta' kif l-isfida tas-sigurtà għall-UE mhux biss qiegħda tiżdied, iżda qiegħda ssir dejjem aktar volatili, u hija enfasizzata min-natura ibrida ta' bosta theddidiet. Is-sigurtà jeħtieġ ukoll li twieġeb għall-bidliet fis-soċjetà u fit-teknoloġija. Il-pandemija tal-COVID-19 saħħet l-opportunitajiet għaċ-ċiberkriminali u rat b'mod partikolari theddida akbar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Il-kriminali u l-atturi malizzjużi dejjem ikunu lesti li jisfruttaw l-iżviluppi teknoloġiċi. Fid-dawl ta' tali theddid li spiss ikun kumpless u multidimensjonali, hija meħtieġa azzjoni tal-UE b'saħħitha u konsistenti.

Regolament dwar il-ġlieda kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal Online

Il-Valutazzjoni tal-Europol tat-Theddida mill-Kriminalità Organizzata fuq l-Internet żvelat li fl-2022, l-isfruttament u l-abbuż sesswali tat-tfal kienu qegħdin jiżdiedu aktar f'termini ta' frekwenza u severità, minħabba li t-trasgressuri komplew jisfruttaw il-possibiltajiet tekniċi biex jaħbu l-azzjonijiet u l-identitajiet tagħhom¹⁹. Is-sistema kurrenti bbażata fuq id-detezzjoni u r-rapportar volontarji mill-kumpaniji wriet li ma hijiex biżżejjed biex tiproteġi lit-tfal. Regolament interim jippermetti d-detezzjoni u r-rapportar volontarji mill-kumpaniji, dment li dan ikun legali skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR). Dan ir-Regolament se jiskadi f'Awwissu 2024. F'Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet Regolament²⁰ biex tindirizza l-użu ħażin tas-servizzi online għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-

¹⁹ Europol (2023), Internet Organised Crime Threat Assessment (IOCTA) 2023.

²⁰ COM(2022) 209.

tfal. Il-qafas propost jagħmel enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni. Il-kumpaniji jkunu obbligati jivvalutaw ir-riskju ta' abbuż sesswali tat-tfal permezz tas-sistemi tagħhom, u jieħdu miżuri preventivi. Bħala miżura tal-aħħar għażla, f'każ ta' riskju sinifikanti biss, il-qrati nazzjonali jew l-awtoritajiet amministrattivi indipendenti jistgħu joħorġu ordnijiet ta' detezzjoni mmirati lill-fornituri ta' servizzi. Ċentru indipendenti ġdid tal-UE jiffaċilita l-isforzi tal-fornituri ta' servizzi li jaġixxu bħala ċentru għall-għarfien espert, jipprovdi informazzjoni affidabbli dwar il-materjal identifikat, jirċievi u janalizza rapporti ta' abbuż sesswali tat-tfal online mill-fornituri biex jiġu identifikati rapporti żbaljati kif ukoll jipprovdi appoġġ lill-vittmi. Huwa essenzjali li r-regoli l-ġodda jiġu adottati u implimentati mill-aktar fis possibbli biex it-tfal jiġu protetti minn abbuż ulterjuri, jiġi pprevenut li materjal jerġa' jidher online, u biex it-trasgressuri jitressqu quddiem il-ġustizzja. In-negozjati għadhom għaddejjin fil-Kunsill u fil-Parlament bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar il-fajl qabel it-tmiem tal-mandat tal-Parlament.

Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika

Il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa, inkluż fil-kuntest tal-vjolenza domestika, ħarġet bħala forma ġdida ta' tali vjolenza, li tinfirex lil hinn mill-Istati Membri individwali permezz tal-internet u l-għodod tal-IT. F'Marzu 2022, il-Kummissjoni pproponiet Direttiva biex tindirizza l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, inklużi regoli speċifiċi dwar il-vjolenza ċibernetika u miżuri biex jimtlew il-lakuni fil-protezzjoni, fl-aċċess għall-ġustizzja, u fil-prevenzjoni. L-adozzjoni u l-implimentazzjoni bikrija jagħtu lill-Istati Membri għodod addizzjonali biex jiġġieldu din il-forma ta' kriminalità. F'Lulju 2023, il-koleġiżlaturi daħlu f'negozjati interistituzzjonali u qeġħdin jimmiraw li jiffinalizzaw in-negozjati qabel tmiem il-mandat kurrenti tal-Parlament Ewropew.

Ċibersigurtà 5G

Is-sigurtà tan-networks 5G hija prijorità ewlenija għall-Kummissjoni u komponent essenzjali tal-Istrateġija tagħha dwar l-Unjoni tas-Sigurtà. In-networks 5G huma infrastruttura ċentrali, li tipprovdi l-pedament għal firxa wiesgħa ta' servizzi essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern u għal funzjonijiet vitali tas-soċjetà u tal-ekonomija. Fil-15 ta' Ġunju 2023, l-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE rrappreżentati fil-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-ENISA, ippubblikaw it-tieni rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod tal-UE għaċ-Ċibersigurtà tal-5G. Skont ir-rapport, 24 Stat Membru adottaw jew qeġħdin iħejju miżuri leġiżlattivi li jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali s-setgħat li jwettqu valutazzjoni tal-fornituri u joħorġu restrizzjonijiet, u 10 Stati Membri imponew tali restrizzjonijiet. Madankollu, hija meħtieġa azzjoni ulterjuri biex jiġu evitati l-vulnerabbiltajiet għall-Unjoni kollha kemm hi, b'impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti individwali u għall-kumpaniji madwar l-Unjoni u għall-infrastruttura kritika tal-Unjoni. L-Istati Membri kollha jeħtieġ li jimplimentaw is-Sett ta' Għodod mingħajr dewmien. Fl-istess jum, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod mill-Istati Membri u dwar il-komunikazzjoni korporattiva proprja tal-Kummissjoni u l-attivitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni. Din issottolinjat tħassib qawwi dwar ir-riskji għas-sigurtà tal-UE li rriżultaw mill-fornituri tat-tagħmir ta' komunikazzjoni tan-network mobbli Huawei u ZTE. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni qieġħda tiegħ miżuri biex tevita l-esponiment tal-komunikazzjoni korporattiva tagħha għan-networks mobbli permezz ta' Huawei u ZTE bħala fornituri. L-akkwisti se jeskludu servizzi ġodda tal-konnettività li jibbażaw fuq tagħmir mingħand dawk il-fornituri u l-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u mal-operaturi tat-telekomunikazzjoni biex tiżgura li dawk il-fornituri jitneħħew gradwalment mis-servizzi tal-konnettività eżistenti tas-siti tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni qieġħda tesplora wkoll kif għandha tirrifletti din id-deċiżjoni fil-programmi u l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni, f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni.

Aċċess għal Data għal infurzar tal-liġi effettiv

Fl-era diġitali tal-lum, kważi kull reat għandu komponent diġitali. It-teknoloġiji u l-għodod qegħdin jintużaw ukoll għal finijiet kriminali, inklużi dawk li huma meħtieġa biex jiggarrantixxu l-ħtieġa ta' ċibersigurtà, protezzjoni tad-*data* u privatezza tas-soċjetà tagħna. Dan jagħmilha dejjem aktar diffiċli li jinżamm infurzar effettiv tal-liġi madwar l-UE kollha għas-salvagwardja tas-sigurtà pubblika u għall-prevenzjoni, għall-identifikazzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni tal-kriminalità, għalkemm saru sforzi sinifikanti fil-livelli tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż permezz ta' leġiżlazzjoni kif ukoll inizjattivi ta' bini tal-kapaċitajiet u innovazzjoni, għad hemm sfidi legali u tekniċi. Il-Kummissjoni, filwaqt li tassoċja l-Prezidenza tal-Kunsill, stabbiliet Grupp ta' Livell Għoli dwar l-aċċess għad-*data* għal infurzar effettiv tal-liġi biex jipprovdi pjattaforma kollaborattiva għal firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u esperti ħalli jiġu esplorati l-isfidi li jiffaċċjaw il-prattikanti tal-infurzar tad-dritt kriminali (eż. il-kriptaġġ, iż-żamma ta' *data*, il-5G u l-istandardizzazzjoni). Il-Kummissjoni tistenna li l-Grupp ta' Livell Għoli jifformula rakkomandazzjonijiet bilanċjati, solidi u li jistgħu jinkisbu sa Ġunju 2024, li jirriflettu l-komplessità ta' dawn il-kwistjonijiet, inkluż mill-perspettivi ta' ċibersigurtà u tal-protezzjoni tad-*data*. Għalhekk, l-Istati Membri u l-esperti parteċipanti huma mħeġġa jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'dan il-proċess u jaħdmu lejn soluzzjonijiet effettivi, legali u aċċettati b'mod komuni.

Theddid ibridu

F'kuntest ġeopolitiku fejn it-theddid ibridu qiegħed jikber fil-komplessità u fis-sofistikazzjoni, il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiza²¹ (Boxxla Strateġika) ipprovdiet valutazzjoni kondiviża tat-theddid u tal-isfidi li qiegħda tiffaċċja l-Unjoni, kif ukoll pjan strateġiku ta' azzjoni. Iż-żieda fl-imġiba malizzjuża fiċ-ċiberspazju mill-Istati u mill-atturi mhux statali, inkluż fil-kuntest tal-gwerra kontra l-Ukrajna, kompliet tissottolinja ċ-ċiberspazju bħala qasam ta' politika estera u ta' sigurtà. Ir-riskji potenzjali ta' azzjonijiet malizzjużi u diżinformazzjoni jitolbu viġilanza partikolari fil-perjodi ta' elezzjoni, inkluż fit-tnejn għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024.

Meta jitqiesu r-riskji għoljin tal-effetti konsegwenzjali, l-UE kompliet tiżviluppa attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet ċibernetiċi u trawwem sħubijiet ma' pajjiżi terzi, inkluż permezz ta' djalogi ċibernetiċi dedikati, biex tikkontribwixxi b'mod attiv għar-reżiljenza ġenerali tagħha. Ġew żviluppanti, riveduti u msaħħa għadd ta' għodod biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tindirizza b'mod effettiv it-theddid ibridu, kif deskritt fis-Seba' Rapport ta' Progress dwar it-Theddid Ibridu ppubblikat fl-14 ta' Settembru 2023²². Dawn jinkludu:

- is-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu biex jiġi żgurat qafas għal rispons koordinat u infurmat tajjeb għal theddid u kampanji ibridi;
- il-ħidma li għaddejja biex jiġu stabbiliti timijiet ta' rispons rapidu tal-UE kontra theddid ibridu għal appoġġ imfassal apposta għal żmien qasir lill-Istati Membri, lill-pajjiżi sħab u lill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK);
- il-Protokoll rivedut tal-UE għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu ("Playbook tal-UE")²³ li jiddeskrivi l-proċessi u l-istrutturi tal-Unjoni li jittrattaw it-theddid u l-kampanji ibridi;
- il-linji gwida ta' implimentazzjoni riveduti tal-Qafas għal Rispons Diplommatiku Konġunt tal-UE għal Attivitajiet Ċibernetiċi Malizzjużi²⁴ ("Sett ta' Għodod għad-

²¹ Id-dokument tal-Kunsill 7371/22.

²² SWD(2023) 315.

²³ SWD(2023) 116.

²⁴ 10289/23 tat-8 ta' Ġunju 2023.

Diplomazija Ċibernetika”) li jippermetti l-iżvilupp ta’ strateġiji sostnuti, imfassla apposta, koerenti u koordinati kontra atturi ta’ theddid ċibernetiku persistenti;

- Is-Sett ta’ Għodod kontra l-Manipulazzjoni tal-Infurmazzjoni u l-Interferenza minn Barranin (FIMI), biex jissaħħu l-għodod eżistenti tal-Unjoni għall-prevenzjoni, għall-iskoraġġiment u għar-rispons għall-FIMI;
- il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiza²⁵, biex tagħti spinta lill-kapaċitajiet ta’ ċiberdifiża tal-UE, ittejjeb is-sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni u tikkoordina fuq il-firxa sħiħa ta’ għażliet difensivi disponibbli, sabiex issaħħaħ ir-reżiljenza, twieġeb għall-attakki ċibernetiċi u tiżgura s-solidarjetà u l-assistenza reċiproka.

Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jkomplu u jtejbju l-kooperazzjoni tagħhom f’dan il-qasam, billi jiżguraw implimentazzjoni effettiva tas-settijiet ta’ għodod imsemmija hawn fuq, inkluż permezz ta’ eżerċizzji regolari, u billi jilhqqu ftehim dwar il-kunċett ta’ timijiet ta’ rispons rapidu kontra theddid ibridu, li se jipprovdu gwida għal passi ulterjuri lejn l-istabbiliment tat-timijiet.

IA fil-kuntest tal-infurzar tal-liġi

L-intelliġenza artifiċjali (IA) malajr saret karatteristika komuni tal-ħajja ta’ kuljum. L-effetti tal-użu tal-IA fuq iċ-ċiberkriminalità u ċ-ċibersigurtà għadhom ma humiex magħrufa bis-sħiħ, iżda huwa ċar li se joħlqu sfidi ġodda. Filwaqt li l-IA tista’ ggħib benefiċċji meta tintuża b’mod sikur u kkontrollat, jista’ jkollha potenzjal perikoluż f’idejn atturi malizzjużi, inkluż billi tgħin lill-kriminali jaħbu l-identitajiet tagħhom f’reati bħat-terroriżmu u l-abbuż sesswali tat-tfal. Għalhekk huwa kruċjali li l-awtoritajiet jibqgħu aġġornati mal-iżviluppi biex jipprevjenu l-abbuż u jwiegħbu għall-użu ħazin²⁶. In-negozjati dwar l-Att propost dwar l-Intelliġenza Artifiċjali għandhom l-għan li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet u daħlu fi stadju kruċjali, bil-koleġiżlaturi li issa qegħdin jiddiskutu kwistjonijiet tekniċi u politiċi li se jiddeterminaw l-interazzjonijiet ma’ din it-teknoloġija fis-snin li għejjin. Se jkun essenzjali li jinstabu soluzzjonijiet bilanċjati, speċjalment fir-rigward ta’ applikazzjonijiet ta’ riskju għoli, inkluż fil-qasam tal-infurzar tal-liġi.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiffinalizzaw in-negozjati interistituzzjonali bħala kwistjoni ta’ urġenza, fi kwalunkwe każ qabel it-tmiem tal-mandat tal-Parlament Ewropew kurrenti dwar il-fajls pendenti li għejjin:

- Proposta għal Regolament dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online;
- Proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika;
- Proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (Att dwar l-IA).

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex:

- jiksbu l-implimentazzjoni sħiħa tas-Sett ta’ Għodod tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà tal-5G mingħajr dewmien;
- jappoġġaw il-ħidma tal-Grupp ta’ Livell Għoli dwar l-aċċess għad-*data* għal infurzar effettiv tal-liġi, bl-għan li jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet ċari, solidi u li jistgħu jinkisbu biex jiġu indirizzati b’mod proporzjonat l-isfidi kurrenti u antiċipati;

²⁵ JOIN(2022) 49.

²⁶ Ara pereżempju r-rapport tal-Europol ippubblikat fis-17 ta’ April 2023: ChatGPT - the impact of Large Language Models on Law Enforcement.

- jieħdu passi, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli, biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tas-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu, is-Sett ta' Għodod rivedut taċ-Ċiberdiplomazija u s-Sett ta' Għodod kontra l-Manipulazzjoni tal-Infurmazzjoni u l-Interferenza minn Barranin, inkluż permezz ta' eżerċizzji regolari u filwaqt li titqies id-dinamika globali;
- jilħqu ftehim dwar il-kunċett ta' timijiet ta' rispons rapidu kontra theddid ibridu.

IV. Niproteġu lill-Ewropej mit-terroriżmu u mill-kriminalità organizzata

Ir-riskju li avvenimenti globali jew lokali jikkawżaw tifqigħat ġodda ta' terroriżmu huwa dejjem preżenti. B'mod parallel, il-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga huma fost l-aktar theddid serju għas-sigurtà tal-UE. Sabiex jiżiedu l-isforzi kollettivi tal-Unjoni fil-ġlieda kontra dan it-theddid, għaddejja ħidma kollettiva fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata²⁷, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin²⁸, l-Aġenda u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Droga²⁹ u l-Aġenda tal-UE kontra t-Terroriżmu³⁰. Madankollu, biex inwieġbu għal sitwazzjoni li qiegħda tiddeterjora b'mod inkwetanti f'termini ta' kriminalità organizzata u traffikar tad-droga, hija meħtieġa intensifikazzjoni ulterjuri tal-ħidma mill-Istati Membri u mill-UE biex jissaħħaħ ir-rispons kollettiv tagħna għan-networks kriminali u biex il-vittmi tal-kriminalità jitħarsu aħjar, u Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata qiegħed jiġi ppubblikat fl-istess ħin ma' dan ir-rapport³¹.

Fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-UE qiegħda ssaħħaħ ukoll is-sett ta' għodod esterni tagħha³², billi tagħmel użu sħiħ mid-Djalogi ta' Livell Għoli dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu u n-network ta' Esperti dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu/is-Sigurtà fid-Delegazzjonijiet tal-UE, kif ukoll permezz tal-involviment tagħha f'fora multilaterali, inkluż bħala Kopresident tal-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu (Global Counter-Terrorism Forum, GCTF).

Traffikar tad-droga

Bil-mandat il-ġdid tal-Aġenzija tal-UE dwar id-Droga li se japplika minn Lulju 2024, l-UE se tkun mgħammra aħjar biex tindirizza problema kumplessa ta' sigurtà u saħħa li taffettwa lil miljuni ta' persuni fl-UE u fuq livell globali. Il-Kummissjoni qiegħda tirrevedi wkoll³³ ir-regolamenti dwar il-prekursuri tad-droga³⁴ biex tindirizza l-isfidi ewlenin identifikati mill-evalwazzjoni tal-2020³⁵, li enfasizzat il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mill-prekursuri³⁶ biex titnaqqas il-provvista ta' droga illegali.

²⁷ COM(2021)170.

²⁸ COM(2021) 171.

²⁹ COM(2020) 606.

³⁰ COM (2020) 795.

³¹ COM (2023) 641.

³² Kif mitlub mill-Boxxla Strateġika u mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill bit-titolu "Addressing the external dimension of a constantly evolving terrorist and violent extremist threat focusing on the external dimension" adottati f'Ġunju 2022.

³³ Il-prekursuri tad-droga – leġiżlazzjoni tal-UE (regoli riveduti) (europa.eu)

³⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 dwar prekursori tad-droga u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.

³⁵ COM(2020) 768.

³⁶ Azzjoni 23 tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drogi, COM(2020) 606.

Madankollu, quddiem żieda bla preċedent ta' drogi illeċiti disponibbli fl-Ewropa, il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga trid tintensifika, f'kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali. Hija meħtieġa azzjoni addizzjonali mill-Istati Membri u mill-UE biex jiġu eliminati n-networks kriminali u biex il-vittmi tal-kriminalità jitħarsu aħjar. Illum il-Kummissjoni tippreżenta Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata. Dan jistabbilixxi 17-il azzjoni f'erba' oqsma ta' prijorità: biex tissaħħaħ ir-reżiljenza taċ-ċentri loġistiċi b'Alleanza Ewropea tal-Portijiet, biex jiġu eliminati n-networks kriminali, biex jiżdedu l-isforzi ta' prevenzjoni u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali. Dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu implimentati fl-2024 u fl-2025.

Armi tan-nar

It-traffikar tal-armi tan-nar jikkontribwixxi għall-kriminalità organizzata fl-UE kif ukoll għall-viċinat tagħha. Huwa stmat li madwar 35 miljun arma tan-nar illeċita jinsabu f'idejn ċittadini l-UE, u madwar 630 000 arma tan-nar huma elenkati bħala misruqa jew mitlufa fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Bl-iżvilupp ta' konsenja rapida tal-pakketti u ta' teknoloġiji ġodda bħall-istampar 3D, it-traffikar tal-armi tan-nar qiegħed jieħu forom ġodda biex jevita l-kontrolli. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna żiedet ukoll ir-riskju ta' proliferazzjoni tal-armi tan-nar. F'Ottubru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta biex taġġorna l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' armi tan-nar ċivili, biex jitnaqqsu l-lakuni fir-regoli eżistenti li jistgħu jżidu l-għadd ta' armi tan-nar bil-kuntrabandu u ddevjati fl-UE³⁷. Fuq perjodu ta' żmien medju, dawn ir-regoli l-ġodda se jgħinu biex jitnaqqas ir-riskju ta' ċirkonvenzjoni tal-embargos fil-każ ta' esportazzjonijiet ta' armi tan-nar għal użu ċivili u jżidu l-kontrolli tal-importazzjoni ta' dan it-tip ta' armi tan-nar minn pajjiżi terzi. Iż-żewġ koleġiżlaturi għad iridu jadottaw il-pożizzjonijiet tagħhom f'dan il-fajl bl-oġettiv li jsibu ftehim dwar dan il-fajl qabel it-tmiem tal-mandat ta' dan il-Parlament.

Traffikar ta' bnedmin

It-traffikar ta' bnedmin huwa forma partikolarment serja ta' kriminalità organizzata u ksur serju tad-drittijiet fundamentali. Il-vittmi jiġu ttraffikati fl-UE, l-aktar għall-isfruttament sesswali u tal-ħaddiema, iżda wkoll biex ikunu tallaba furzati u għall-kriminalità u għal forom oħrajn. F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni pproponiet li temenda d-Direttiva kontra t-Traffikar³⁸ b'regoli aġġornati biex tindirizza n-nuqqasijiet fil-qafas ġuridiku kurrenti. B'mod partikolari, ladarba tiġi adottata, id-Direttiva riveduta żżid iż-żwieġ furzat u l-adozzjoni illegali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u tintroduċi referenza espliċita għad-dimensjoni online tat-traffikar ta' bnedmin. Din tinkludi wkoll reġim obbligatorju ta' sanzjonijiet għall-awturi u tifformalizza l-istabbiliment ta' Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment biex jittejjbu l-identifikazzjoni bikrija u r-riferiment transfruntier għall-assistenza u għall-appoġġ lill-vittmi. L-użu konxju tas-servizzi pprovduti mill-vittmi tat-traffikar isir reat u l-għbir annwali tad-*data* dwar it-traffikar ta' bnedmin, li għandu jiġi ppubblikat mill-Eurostat, isir obbligatorju. Il-Kunsill adotta l-approċċ ġenerali tiegħu f'Ġunju 2023 filwaqt li l-Parlament Ewropew għad irid jadotta l-pożizzjoni tiegħu. Se tkun meħtieġa azzjoni rapida biex jintlaħaq ftehim qabel it-tmiem tal-mandat ta' dan il-Parlament.

Kriminalità Ambjentali

Il-kriminalità ambjentali saret theddida globali, li qiegħda tikber b'rata stmata ta' bejn 5 u 7 % kull sena. Il-profitti sinifikanti li jistgħu jiġu ġġenerati, il-lakuni legali bejn l-Istati Membri u riskju baxx ta' detezzjoni kollha jattiraw il-kriminalità organizzata. Skont il-Europol, hemm

³⁷ COM (2022) 480.

³⁸ COM(2022) 732.

indikazzjonijiet li r-rikavat ta' dawn l-attivitajiet jintuża biex jiffinanzja t-terroriżmu. F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat proposta biex tissostitwixxi d-Direttiva tal-2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali. Il-proposta tiffoka fuq ir-raffinar u l-aġġornament tad-definizzjonijiet tal-kategoriji ta' reati ambjentali u d-definizzjoni ta' tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi. Reati ġodda jinkludu reati marbuta mad-deforestazzjoni illegali, ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi, l-estrazzjoni illegali tal-ilma tal-wieċ jew tal-ilma ta' taħt l-art u r-riċiklaġġ illegali tal-bastimenti. Il-proposta għandha l-għan li ssaħħa b'mod sinifikanti l-katina tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-UE. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwar il-proposta u jinsabu fi proċess ta' negozjati li għandhom ikunu jistgħu jikkonkludu sa tmiem is-sena. Pjan ta' Azzjoni rivedut³⁹ kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi jirrikjedi implimentazzjoni biex jissaħħa aktar il-prevenzjoni u l-infurzar.

Irkupru u konfiska tal-assi

Il-fatt li l-kriminali jiġu mċaħħda mid-dħul illeċitu tagħhom huwa kruċjali biex titfixkel l-kriminalità organizzata. Din hija r-raġuni għaliex, minbarra l-proposta li tagħti aċċess lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal informazzjoni dwar kontijiet bankarji madwar l-UE⁴⁰ (li għaliha ntlaħaq ftehim politiku f'Ġunju 2023), il-Kummissjoni ressqet proposta dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi⁴¹ f'Mejju 2022, biex jissaħħa l-kapaċitajiet ta' traċċar, identifikazzjoni, iffriżar, konfiska u ġestjoni tal-assi. Id-dispożizzjonijiet ewlenin tal-proposta jikkonċernaw ir-rekwiżiti għall-investigazzjonijiet finanzjarji, u s-setgħat u l-għodod addizzjonali tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi, kif ukoll miżuri aktar effettivi għall-iffriżar u għall-konfiska għal sett usa' ta' reati. Wieħed mir-reati kriminali l-ġodda li għalihom ikunu applikabbli dawn il-miżuri huwa l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta separata biex tarmonizza d-definizzjonijiet kriminali u l-penali għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. L-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jibqgħu prijorità ewlenija għall-Kummissjoni, imsaħħa mill-ħidma tat-Task Force Iffriżar u Sekwestru stabbilita mill-Kummissjoni bi tweġiba għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għaż-żewġ proposti, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw il-pożizzjonijiet tagħhom bl-għan li jilħqu ftehim sa tmiem din is-sena.

Pakkett għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus

Il-ħasil tal-flus huwa marbut ma' prattikament l-attivitajiet kriminali kollha li jiġġeneraw rikavati kriminali fl-UE⁴² u għalhekk huwa lieva ewlenija biex tiġi indirizzata l-kriminalità fl-UE. F'Lulju 2021, il-Kummissjoni ressqet proposti ambizzjużi biex issaħħa il-miżuri tal-UE għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u għall-finanzjament tat-terroriżmu⁴³, b'erba' proposti leġiżlattivi biex jissaħħa l-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' tentattivi minn kriminali ħalli jsir ħasil ta' rikavati illeċiti jew ħalli jiġu ffinanzjati attivitajiet terroristiċi permezz tas-sistema finanzjarja. Waħda mill-erba' inizjattivi tal-pakkett, biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tat-trasferimenti tal-kriptoassi, ġiet adottata mill-koleġiżlaturi f'Mejju 2023⁴⁴. Dan ir-Regolament

³⁹ COM(2022) 581.

⁴⁰ COM(2021) 429.

⁴¹ COM(2022) 245.

⁴² Europol, Enterprising criminals – Europe's fight against the global networks of financial and economic crime, 2020.

⁴³ COM (2021) 420.

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849.

se jsir applikabbli fit-30 ta' Diċembru 2024, u sa dakinhar il-fornituri kollha ta' servizzi tal-kriptoassi se jkollhom jiġbru u jżommu informazzjoni dwar l-oriġinatur u l-benefiċjarju tat-trasferimenti tal-kriptoassi. It-tliet proposti l-oħrajn għandhom l-għan li (i) jistabbilixxu awtorità ġdida tal-UE kontra l-ħasil tal-flus biex tiġi żgurata superviżjoni konsistenti ta' kwalità għolja fis-suq intern, inkluż tal-entitajiet transfruntieri l-aktar riskjużi, li tappoġġa u tikkoordina l-ħidma tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, (ii) jistabbilixxu regoli armonizzati għas-settur privat, li jinkludu l-introduzzjoni ta' limitu madwar l-UE ta' EUR 10 000 għal pagamenti kbar fi flus kontanti bi skambju għal servizzi u oġġetti, u (iii) isaħħu s-setgħat u l-għodod ta' kooperazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti. Dan il-pakkett huwa mistenni li jsaħħaħ b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE li tiġġieled il-ħasil tal-flus u li tippoteġi liċ-ċittadini tal-UE mit-terroriżmu u mill-kriminalità organizzata. It-tliet proposti pendenti bħalissa qegħdin jiġu nnegożjati mill-koleġislaturi bl-oġġettiv li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl qabel it-tmiem tal-mandat ta' dan il-Parlament.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiffinalizzaw in-negożjati interistituzzjonali bħala kwistjoni ta' urġenza, fi kwalunkwe każ qabel it-tmiem tal-mandat tal-Parlament Ewropew kurrenti, dwar il-fajls pendenti li ġejjin:

- Proposta għal Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi;
- Proposta għal Direttiva biex jiġu armonizzati d-definizzjonijiet kriminali ta' ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni, u l-penali għalihom;
- Proposta għal Direttiva kontra t-Traffikar;
- Proposta għal Direttiva li ttejjeb il-protezzjoni ambjentali permezz tal-liġi kriminali;
- Proposta għal pakkett għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus;
- Proposta biex tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' armi tan-nar ċivili.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri, lill-aġenziji u lill-korpi tal-UE:

- Biex jaħdmu flimkien biex tiġi implimentata s-17-il azzjoni tal-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata fl-2023 u fl-2024.

V. Ekosistema Ewropea tas-sigurtà b'saħħitha

F'dawn l-aħħar snin, it-theddid għas-sigurtà sar dejjem aktar ta' natura transfruntiera, u dan jitlob li jiġu żviluppati sinerġiji ulterjuri u kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-livelli kollha. Mill-adozzjoni tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, ittieħdu inizjattivi importanti biex tiġi mmassimizzata l-kooperazzjoni transfruntiera, jiġu ssimplifikati u aġġornati l-istrumenti u l-proċeduri disponibbli kemm fil-fruntieri esterni kif ukoll fiż-żona Schengen, kif ukoll jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji biex tiġi miġġielda aħjar il-kriminalità organizzata. F'dan l-isfond, l-implimentazzjoni effettiva tal-qafas ta' interoperabbiltà għall-iskambju tad-*data* hija pilastru importanti biex tissaħħaħ is-sigurtà u rispons Ewropew effettiv għat-theddid transfruntier, filwaqt li jiġi ggarantit il-moviment liberu intern.

Skambju msaħħaħ ta' informazzjoni fiż-żona Schengen: Informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API), Reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) u Prüm II

Iż-żewġ proposti tal-API adottati mill-Kummissjoni f'Diċembru 2022⁴⁵ itejbu s-sigurtà interna tal-Unjoni billi jipprovdu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri b'għodod addizzjonali għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. B'mod partikolari, l-informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri fuq tiġiriet intra-UE, li tintuża flimkien mal-PNR tal-vjaġġaturi bl-ajru, tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet tagħhom b'interventi aktar immirati. Huwa importanti li r-regoli proposti jiġu adottati mill-aktar fis possibbli: dan mhux biss jappoġġa l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu iżda jnaqqas b'mod sinifikanti l-ħtieġa ta' kontrolli sistematiċi fuq il-vjaġġaturi kollha f'każ ta' introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni, li jiffaċilita l-ivvjaġġar bl-ajru u l-libertà tal-moviment. Fis-6 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea rakkomandat li l-Kunsill jawtorizza negozjati mal-Iżvizzera, mal-Iżlanda u man-Norveġja għal ftehimiet dwar it-trasferiment ta' *data* tal-PNR. L-adozzjoni ta' dawn it-tliet Rakkomandazzjonijiet tappoġġa politika esterna tal-UE dwar il-PNR konsistenti u effettiva.

L-iskambji ta' Prüm jintużaw kuljum mill-pulizija fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, id-droga, it-terroriżmu, l-isfruttament sesswali, u t-traffikar ta' bnedmin. Il-proposta għal regolament dwar l-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija ("Prüm II")⁴⁶ tirrevedi l-qafas eżistenti ta' Prüm bl-għan li jitnaqqsu d-distakki fl-informazzjoni u tingħata spinta lill-prevenzjoni, lid-detezzjoni u lill-investigazzjoni ta' reati kriminali fl-UE. Ir-regoli riveduti dwar l-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija jlestu l-proposti ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija f'dan il-mandat, flimkien mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li diġà ġiet adottata li ssaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera operazzjonali u d-Direttiva dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar. L-adozzjoni u l-implimentazzjoni b'ħeffa ta' dawn l-istrumenti relatati jtejbu, jiffaċilitaw u jaċċelleraw l-iskambju tad-*data* bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u jgħinu biex jiġu identifikati l-kriminali.

Sistema kompletament interoperabbli ta' ġestjoni tal-fruntieri għal Żona Schengen sigura, b'saħħitha, diġitali u magħquda

Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tibbaża fuq il-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. Dan min-naħa tiegħu jiddependi minn kontrolli effiċjenti, kemm jekk fil-fruntieri esterni tal-Unjoni kif ukoll jekk bħala miżuri alternattivi fit-territorju tal-Istati Membri. L-emenda proposta mill-Kummissjoni għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen⁴⁷ tistabbilixxi kif l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-alternattivi għall-kontrolli fil-fruntieri interni, li jistgħu joffru livell għoli ta' sigurtà. Huwa importanti li l-emenda għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen tiġi adottata u implimentata bis-sħiħ biex jiġi żgurat livell għoli u proporzjonat ta' sigurtà fiż-żona Schengen. L-arkitettura l-ġdida tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE tkompli tiġi żviluppata wkoll biex tappoġġa aħjar il-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali ħalli jiżguraw is-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri. Din tinkludi s-Sistema mġedda ta' Informazzjoni ta' Schengen, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, l-aġġornament tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, u l-qafas ta' interoperabbiltà biex is-sistemi jingħaqdu flimkien f'sigurtà sħiħa. Ladarba titlesta bis-sħiħ, din l-arkitettura l-ġdida tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali b'informazzjoni aktar komprensiva u affidabbli dwar is-sigurtà. Il-komponenti kollha tal-qafas tal-interoperabbiltà huma essenzjali, li jfisser li dewmien f'aspett wieħed jew fi Stat Membru wieħed iwassal għal dewmien fl-

⁴⁵ COM(2022) 729, COM(2022) 73.

⁴⁶ COM(2021) 784.

⁴⁷ COM(2021) 891.

implimentazzjoni għal kulħadd. Id-dewmien fl-iżvilupp tekniku tas-sistema ta' Dħul/Ħruġ għandu jitnaqqas kemm jista' jkun, sabiex is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tkun tista' tibda topera mill-aktar fis possibbli u jkunu jistgħu jiġu stabbiliti l-elementi ewlenin kollha tal-qafas ta' interoperabbiltà.

Il-proposta dwar l-Iskrinjar⁴⁸ ittejjeb is-sigurtà fiż-żona Schengen billi toħloq regoli uniformi dwar l-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul kif imsemmi fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u tissottomettihom għall-kontrolli tas-saħħa u tas-sigurtà fil-fruntieri esterni. Is-sistema Eurodac proposta tappoġġa dawn l-oġġettivi filwaqt li tindika fejn jidher wara l-iskrinjar li individwu jista' jkun ta' theddida għas-sigurtà interna. Dan imbagħad jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni. Il-Kummissjoni thegġegħ lill-koleġiżlaturi jikkonkludu malajr in-negozjati dwar dawn il-fajls qabel tmiem il-perjodu leġiżlattiv kurrenti.

Ġlieda kontra l-Korruzzjoni

Il-korruzzjoni hija ta' detriment kbir għad-demokrazija tagħna, għall-ekonomija u għas-sigurtà tagħna, peress li taġixxi bħala faċilitatur għall-kriminalità organizzata u għall-interferenza barranija ostili. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-ġlieda kontriha b'suċċess huma essenzjali kemm għas-salvagwardja tal-valuri tal-UE kif ukoll għall-effettività tal-politiki tal-UE, u għaż-żamma tal-istat tad-dritt u l-fiduċja f'dawk li jirregolaw u fl-istituzzjonijiet pubbliċi. Kif imħabbar mill-President von der Leyen fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2022, fit-3 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' miżuri kontra l-korruzzjoni⁴⁹. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni tinkludi regoli msaħħa li jikkriminalizzaw ir-reati ta' korruzzjoni u li jarmonizzaw il-penali madwar l-UE kollha. Din tippermetti wkoll investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet effettivi u tiffoka ħaqqa fuq il-prevenzjoni u l-ħolqien ta' kultura ta' integrità li fiha ma tiġix ittollerata l-korruzzjoni. Id-diskussjonijiet dwar din il-proposta bdew fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mistiedna jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-pilastru kontra l-korruzzjoni tar-rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt adottat fil-5 ta' Lulju 2023. Proposta oħra mir-Rappreżentant Għoli, appoġġata mill-Kummissjoni, tipproponi wkoll li jiġi stabbilit reġim ta' sanzjonijiet dedikat tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) biex jiġu mmirati atti serji ta' korruzzjoni madwar id-dinja.

Tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi

Fit-12 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni pproponiet emendi għad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, biex issaħħaħ l-aċċess tal-vittmi għall-informazzjoni, l-appoġġ u l-protezzjoni, il-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali u l-aċċess għall-kumpens. Wieheċ mill-oġġettivi ġenerali tar-reviżjoni huwa li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà billi toħloq ambjent aktar sikur għall-vittmi biex jinkoraġġixxu r-rapportar tar-reati, u b'hekk jitnaqqas il-biża' tar-ritaljazżjoni.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiffinalizzaw in-negozjati interistituzzjonali bħala kwistjoni ta' urġenza, fi kwalunkwe każ qabel it-tmiem tal-mandat tal-Parlament Ewropew kurrenti dwar il-fajls pendenti li ġejjin:

- Proposta dwar ir-regolament Prüm II;
- Proposti dwar Informazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri (API);

⁴⁸ COM(2020) 612.

⁴⁹ COM(2023) 234.

- Proposti dwar Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u b'mod partikolari biex jiġi stabbilit reġim dedikat ta' sanzjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK);
- Proposta għal Emenda għar-Regolament dwar il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen;
- Proposta għal Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi;
- Proposta dwar l-Iskrinjar.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex:

- jiżguraw id-dħul fis-seħħ tas-sistema ta' Dħul/Ħruġ mill-aktar fis possibbli sabiex titlesta l-implimentazzjoni tal-arkitettura tal-UE dwar l-iskambju ta' informazzjoni.

VI. Implimentazzjoni

L-iżgurar tas-sigurtà tal-Ewropa kollha kemm hi, huwa responsabbiltà komuni, fejn kull attur irid jagħmel il-parti tiegħu, mill-Kummissjoni u l-koleġiżlaturi li jadottaw regoli ġodda, b'saħħithom, komprensivi u prattiċi, sat-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni f'waqtha ta' tali regoli mill-Istati Membri, u l-ħidma operazzjonali li ssir fil-prattika minn varjetà ta' awtoritajiet, organizzazzjonijiet u partijiet ikkonċernati. L-aġenziji tal-UE fl-oqsma tal-ġustizzja, l-affarijiet interni, u ċ-ċibersigurtà għandhom ukoll rwol ewlieni, li żdied permezz ta' estensjonijiet reċenti tar-responsabbiltajiet tagħhom.

Skrinjar imtejjeb tal-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE

Meta timplimenta l-baġit tal-UE, il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE jirrispettaw il-valuri tal-UE. Il-mekkaniżmi u s-sistemi ta' kontroll li jiddeterminaw min jista' jibbenefika mill-finanzjament tal-UE diġà huma robusti, u n-negozjar riformulat li għaddej tar-Regolament Finanzjarju jfittex ukoll li jagħti mezzi legali aktar b'saħħithom lill-Kummissjoni biex taġixxi jekk ikun meħtieġ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bħalissa qiegħda taħdem fuq modi biex ittejjeb ulterjorment l-iskrinjar tal-benefiċjarji kurrenti u potenzjali futuri tal-finanzjament tal-UE, billi ttejjeb il-gwida dwar l-obbligi li jikkonċernaw ir-rispett għall-valuri tal-UE u l-konsegwenzi li għandhom jirriżultaw minn ksur tal-valuri tal-UE. Dan se jiċċara r-responsabbiltajiet kemm tal-benefiċjarji kif ukoll ta' dawk li jwettqu kontrolli fil-livell tal-UE u jista' jservi bħala sors ta' ispirazzjoni għal-livell nazzjonali. F'każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament, il-Kummissjoni ma toqgħodx u ma hijiex se toqgħod lura milli twaqqaf il-kooperazzjoni mal-benefiċjarji tal-proġett ikkonċernat, u milli tirkupra l-fondi jekk ikun meħtieġ. Huwa importanti li l-Istati Membri jikkondividu b'mod proattiv l-informazzjoni mal-Kummissjoni meta jkunu konxji ta' riskji possibbli fir-rigward tal-organizzazzjonijiet li japplikaw għall-finanzjament tal-UE.

Ksur

Fil-qasam tas-sigurtà, il-Kummissjoni wettqet bosta proċeduri ta' ksur. Pereżempju, fl-2023, inbeda għadd kbir ta' każijiet ta' ksur minħabba nuqqasijiet biex jiġu ssodisfati l-obbligi skont ir-Regolament tal-2021 dwar it-tixrid ta' kontenut terroristiku online (16-il Stat Membru)⁵⁰, u matul is-snin 2022 u 2023, 20 Stat Membru rċevew ittri addizzjonali ta' avviż formali minħabba l-implimentazzjoni skorretta tad-Direttiva tal-2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal⁵¹. Għadd sinifikanti ta' każijiet ta' ksur għadhom miftuħa minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-Direttiva tal-2017 dwar il-ġlieda kontra t-

⁵⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/784 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online.

⁵¹ Id-Direttiva (UE) 2011/93 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

terroriżmu⁵² u minħabba n-nuqqas ta' traspożizzjoni ta' regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali⁵³. Oqsma oħrajn li fihom għadhom għaddejnin il-proċedimenti jinkludu leġislazzjoni dwar l-armi tan-nar; regoli dwar sustanzi psikoattivi użati fid-droga, il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezz ta' pagamenti mhux bi flus kontanti, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-iskambju ta' rekords kriminali bejn l-Istati Membri tal-UE, u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi. L-appoġġ (tekniku u finanzjarju) sar disponibbli għall-Istati Membri li jimplementaw inizjattivi u azzjonijiet miftiehma u l-Kummissjoni tibqa' disponibbli biex taħdem mal-Istati Membri biex jottimizzaw l-implimentazzjoni.

Monitoraġġ permezz tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen u s-sistema l-ġdida ta' governanza taġħha

Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen kompli jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tar-regoli ta' Schengen bl-għan li tissaħħaħ is-sigurtà fiż-żona mingħajr kontrolli interni. Fl-2023, saru l-ewwel evalwazzjonijiet fl-ambitu tal-mekkaniżmu msaħħaħ ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen li jippermettu l-identifikazzjoni f'waqtha u r-rimedju ta' vulnerabbiltajiet strateġiċi, li għandhom impatt transfruntier fuq is-sigurtà u s-sikurezza fl-UE. Barra minn hekk, fl-2023, il-Kummissjoni nediet evalwazzjoni tematika ta' Schengen biex tivvaluta l-prattiki tal-Istati Membri li jiffaċċjaw sfidi simili fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga fl-UE, b'enfasi partikolari fuq it-traffikar tad-droga b'volum għoli. Dawn l-evalwazzjonijiet introduċew enfasi msaħħa u aktar komprensiva fuq l-elementi tas-sigurtà ta' Schengen. Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet perjoċiċi, tematiċi u mhux imħabba ta' Schengen, f'Ġunju 2023, il-Kunsill stabbilixxa l-prijoritajiet taċ-ċiklu ta' Schengen tal-2023-2024. Dan jistabbilixxi oqsma ta' prijorità li jirrikjedju impetu addizzjonali għal żona Schengen aktar sigura u aktar b'saħħitha. Implimentazzjoni effettiva u b'ħeffa ta' dawn il-prijoritajiet flimkien ma' koordinazzjoni akbar tal-politika tal-Kunsill ta' Schengen se jsaħħu ulterjorment il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u jimmassimizzaw il-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera.

Rwol tal-aġenziji u tal-korpi tal-UE

Is-šhubija hija kruċjali għall-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-Unjoni tas-Sigurtà peress li hija meħtieġa l-ħidma ta' awtoritajiet u korpi nazzjonali u Ewropej differenti biex jinkisbu riżultati konkreti. Pereżempju, l-EMPACT (il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali) tippermetti kooperazzjoni multidixxiplinari strutturata tal-Istati Membri, appoġġata mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi kollha tal-UE (bħall-Europol, il-Frontex, l-Eurojust, is-CEPOL, l-OLAF, EU-LISA). L-operazzjonijiet imwettqa mill-EMPACT inkluż permezz ta' Task Forces Operazzjonali (OTFs) dedikati jikkoordinaw l-isforzi tal-Istati Membri u tas-šħab operazzjonali fil-ġlieda kontra n-networks kriminali u l-kriminalità serja. Fl-2022 biss, l-EMPACT irriżultat f'total ta' 9 922 arrest, aktar minn EUR 180 miljun f'assi u flus maqbuda, 9 263 investigazzjoni mibdija, 4 019-il vittma identifikati, aktar minn 62 tunnellata ta' droga maqbuda, 51 Mira ta' Valur Għoli (HVT) identifikati u 12 arrestati, operazzjonijiet fil-kuntest

⁵² Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI.

⁵³ Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI.

tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari biex jiġi indirizzat it-traffikar ta' bnedmin u t-theddid relatat mal-armi tan-nar⁵⁴.

Il-Frontex, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), ikomplu jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta biex jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali fiż-żieda tas-sikurezza u s-sigurtà fuq il-baħar. Dawn l-aġenziji se jkunu kontributori ewlenin għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-sigurtà marittima tal-UE.

Diversi inizjattivi tal-Unjoni tas-Sigurtà introduċew responsabbiltajiet u kompiti ġodda għall-Aġenziji rilevanti, xi drabi b'implikazzjonijiet għar-riżorsi umani.

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)

Fir-rigward tat-tħejjija u tar-rispons għall-inċidenti għat-tisħiħ taċ-ċibersigurtà, il-Kummissjoni stabbiliet azzjoni għal żmien qasir biex tappoġġa lill-Istati Membri, billi tittrasferixxi l-finanzjament mill-Programm Ewropa Diġitali (DEP) lill-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)** biex issaħħaħ it-tħejjija u l-kapaċitajiet għar-rispons għal inċidenti ċibernetiċi kbar. Il-proposta għall-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà adottata f'April 2023 tibni fuq din l-azzjoni u, ladarba tiġi adottata mill-koleġiżlaturi, tista' tafda lill-ENISA b'kompiti addizzjonali bħall-operat u l-amministrazzjoni tar-riżerva futura taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni jew it-tħejjija ta' rapport ta' rieżami tal-inċidenti wara inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira. L-Att propost dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika jagħti l-kompitu lill-ENISA li tirċievi notifiki mill-manifatturi ta' vulnerabbiltajiet fi prodotti b'elementi diġitali, u inċidenti li jkollhom impatt fuq is-sigurtà ta' dawk il-prodotti, li l-ENISA tkun mistennija li tgħaddi lis-CSIRTs rilevanti jew lill-punti uniċi ta' kuntatt rilevanti tal-Istati Membri. L-ENISA hija mistennija wkoll tħejji rapport tekniku biennali dwar ix-xejriet emerġenti fir-rigward tar-riskji taċ-ċibersigurtà fil-prodotti b'elementi diġitali u tippreżentah lill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS.

Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà

Iċ-**Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC)**, flimkien man-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (NCCs), huwa l-korp il-ġdid tal-Unjoni biex jappoġġa l-innovazzjoni u l-politika industrijali fiċ-ċibersigurtà. Din l-ekosistema se ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-komunità tat-teknoloġija taċ-ċibersigurtà, iżżomm l-eċċellenza fir-riċerka u ssaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni f'dan il-qasam. L-ECCC u l-NCCs se jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment strateġiku u jiġbru flimkien ir-riżorsi mill-Unjoni, mill-Istati Membri tagħha u, indirettament, mill-industrija biex itejbu u jsaħħu l-kapaċitajiet teknoloġiċi u taċ-ċibersigurtà industrijali. Għalhekk, l-ECCC għandu rwol ewleni x'jaqdi fit-tweqqiq tal-oġġettivi ambizzjużi taċ-ċibersigurtà tal-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa.

⁵⁴ Skedi informattivi EMPACT bir-riżultati għall-2022:

https://www.consilium.europa.eu/media/65450/2023_225_empact-factsheets-2022_web-final.pdf

L-ECCC irrekkluta aktar minn nofs il-persunal tiegħu, u dalwaqt se jirrekkluta d-Direttur Eżekuttiv tiegħu. Il-ħidma li diġà għaddejja tinkludi /il-parti ta' ċibersigurtà tal-programm DIGITAL u aġenda strateġika ġdida⁵⁵ għall-iżvilupp u l-varar tat-teknoloġija li tistabbilixxi azzjonijiet ta' prijorità biex tappoġġa lill-SMEs fl-iżvilupp u fl-użu ta' teknoloġiji, servizzi u proċessi strateġiċi ta' ċibersigurtà; l-appoġġ u t-tkabbir tal-forza tax-xogħol professjonali; u t-tisħiħ tal-għarfien espert fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni fl-ekosistema ta' ċibersigurtà Ewropea usa'.

Europol

B'mandat ġdid f'jamant, il-**Europol** se tkun mgħammra aħjar biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga hija prijorità ewlenija fid-dawl tal-importanza dejjem akbar tagħha u l-impatt negattiv dejjem akbar fuq is-sigurtà ta' ċittadini tal-UE. Wara l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-15 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni kienet qiegħda taħdem b'mod attiv lejn il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali mal-Bolivja, mal-Brażil, mal-Ekwador, mal-Messiku u mal-Perù dwar l-iskambju ta' *data* personali mal-Europol bl-għan li jiġu pprevenuti u miġġielda l-kriminalità serja u t-terroriżmu.

Eurojust

B'esperjenza ta' aktar minn 20 sena fl-għoti ta' appoġġ ġudizzjarju lill-awtoritajiet nazzjonali biex jiġġieldu firxa wiesgħa ta' reati transfruntieri serji u kumplessi, il-**Eurojust** stabbiliet il-pożizzjoni tagħha fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-UE. Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni b'mod ġenerali, il-Kummissjoni qiegħda tinnegozja ftehimiet internazzjonali ħalli tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-Eurojust u 13-il pajjiż terz biex jiskambjaw *data* personali għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu⁵⁶. Diġà tlestew negożjati mal-Armenja u mal-Libanu, oħrajn għadhom għaddejjin mal-Alġerija u mal-Kolombja u bdew oħrajn mal-Bożnija-Herzegovina. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiffinalizzaw il-konklużjoni ta' ftehimiet ma' dawn il-pajjiżi qabel tmiem it-terminu parlamentari, biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja tranżnazzjonali u titwessa' l-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera.

UPPE

Sa mill-bidu tal-attivitajiet operazzjonali tiegħu f'Ġunju 2021, l-**Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)** wera li huwa għodda b'saħħitha fis-sett ta' għodod tal-Unjoni biex jinvestiga u jipprosegwixxi reati li jaffettwaw il-baġit tal-Unjoni, inklużi reati relatati mal-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, meta l-enfasi tkun fuq ir-reati kontra l-baġit tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri li għadhom ma pparteċipawx fil-kooperazzjoni msaħħa tal-UPPE biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli sabiex jiksbu l-potenzjal sħiħ tal-UPPE fil-protezzjoni tal-flus tal-kontribwenti tal-UE.

EUDA

B'mandat ġdid adottat mill-koleġiżlaturi f'Ġunju 2023, iċ-Ċentru eżistenti Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) se jinbidel f'aġenzija kompleta – l-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Droga (EUDA)** – bi rwol imsaħħaħ. L-aġenzija se tkun tista' tivvaluta sfidi ġodda għas-saħħa u għas-sigurtà li jirriżultaw mid-droga illeċita b'mod aktar komprensiv, u se tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv għall-ħidma fl-Istati

⁵⁵ https://cybersecurity-centre.europa.eu/strategic-agenda_en

⁵⁶ L-Alġerija, l-Arġentina, l-Armenja, il-Bożnija-Herzegovina, il-Brażil, il-Kolombja, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, it-Tuneżija u t-Turkija.

Membri u fil-livell internazzjonali. Il-ġbir, l-analiżi u t-tixrid tad-*data* se jkomplu jkunu l-kompitu ewlieni tal-aġenzija, iżda l-mandat imsaħħa se jippermetti wkoll lill-aġenzija tiżviluppa kapaċitajiet ġenerali ta' valutazzjoni tat-theddid għas-saħħa u għas-sigurtà biex tidentifika t-theddid emerġenti, inkluż l-użu ta' polisustanzi, issaħħa il-kooperazzjoni tagħha permezz ta' punti fokali nazzjonali, u tistabbilixxi network ta' laboratorji li jipprovdu lill-aġenzija informazzjoni forensika u tossikoloġika. Dan se jgħin lill-aġenzija toħroġ twissijiet meta jidhru fis-suq sustanzi partikolarment perikoluż u żżid is-sensibilizzazzjoni.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiffinalizzaw in-negozjati interistituzzjonali bħala kwistjoni ta' urġenza, fi kwalunkwe każ qabel it-tmiem tal-mandat tal-Parlament Ewropew kurrenti, dwar il-fajls pendenti li ġejjin:

- Proposta għal riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex:

- jaqsmu b' mod proattiv l-informazzjoni mal-Kummissjoni meta jkunu konxji mir-riskji possibbli fir-rigward tal-organizzazzjonijiet li japplikaw għall-finanzjament tal-UE;
- jimplimentaw malajr il-prijoritajiet taċ-ċiklu ta' Schengen tal-2023-2024 għal żona Schengen aktar sigura u aktar b'saħħitha;
- jindirizzaw il-proċeduri ta' ksur miftuħa kontribom sabiex jiżguraw it-traspożizzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni kkonċernata.

VII. Konklużjoni

L-aħħar tliet snin kienu kkaratterizzati minn sforz kostanti u determinat biex tingħata ħajja lill-ambizzjoni li tinħoloq Unjoni tas-Sigurtà għall-UE. Saru passi kbar fl-ispettru sħiħ tal-qasam tal-politika tas-sigurtà. Issa, ir-realtà tat-theddid li qiegħed jevolvi fuq bażi kontinwa titlob sforzi kontinwi b'motivazzjoni mġedda. Il-ħidma fuq il-qafas leġiżlattiv jeħtieġ li tiġi konkluzja fi żmien xieraq qabel it-tmiem tal-mandat parlamentari fir-rebbiegħa tal-2024. L-Istati Membri għandhom responsabbiltajiet kostanti biex jitrassponu, jimplimentaw u japplikaw liġijiet ġodda. L-implimentazzjoni titlob li jsiru sforzi miftiehma inkluż bl-appoġġ tal-aġenziji tal-UE – u ħafna drabi għal kooperazzjoni dejjem aktar b'saħħitha mas-sħab internazzjonali tagħna.

Huwa biss bl-isforzi kollettivi u determinati ta' dawk kollha kkonċernati li se niksbu l-livelli ta' sikurezza u sigurtà fl-UE li ċ-ċittadini jistennu – u fiċ-ċirkostanzi tal-lum, għandha tkun prijorità għal kull attur li jagħmel il-parti tiegħu fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-UE.